*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,507, 25 ta' Novembru, 2003*
*Taqsima B*

**A.L. 375 ta' l-2003**

## ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

### Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 19 u ta' l-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tmien Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ l-"Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru, 2003 u ma għandhomx jibqgħu japplikaw wara l-31 ta' Marzu, 2004.

Iżid paragrafu ġdid ma' l-Iskeda.

**2.** Minnufih wara l-kliem "Provvista ta' elettriku." għandu jidħol dan il-paragrafu li ġej:

| l-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna |
|---|---|
| Tip ta' provvisti/importazzjonijiet | Rata |
| "L-oġġetti speċifikati fit-Tariffa tad-Dwana fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni taħt is-sub-intestaturi 8903.91.99.00 u 8903.92.99.00. | 5% tal-valur taxxabbli kif stabbilit minn dawk l-apprezzaturi hekk kif il-Ministru jista' japprova.". |

**L.N. 375 of 2003**

## VALUE ADDED TAX ACT
## (CAP. 406)

### Value Added Tax Act (Amendment of Eighth Schedule) Regulations, 2003

IN exercise of the powers conferred by paragraph (c) of article 19 and article 75 of the Value Added Tax Act, hereinafter referred to as "the Act", the Minister of Finance and Economic Affairs has made the following regulations:–

Citation and commencement.

**1.** (1) The title of these regulations is the Value Added Tax (Amendment of Eighth Schedule) Regulations, 2003, and shall be read and construed as one with with the Eighth Schedule to the Value Added Tax Act, which Eighth Schedule is hereinafter being referred to in these regulations as "the Schedule".

Adds new paragraph to the Schedule.

(2) These regulations shall come into force on 1 December, 2003 and shall cease to have effect after the 31st March, 2004.

**2.** Immediately after the words "Supply of electricity." there shall be added the following paragraph:–

| First Column | Second Column |
|---|---|
| Description of Supplies/Importations | Rate |
| "The goods specified in the Customs Tariff contained in the First Schedule to the Import Duties Act under subheadings 8903.91.99.00 and 8903.92.99.00. | 5% of the taxable value as certified by such valuers as may be approved by the Minister.". |

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 2ċ – *Price 2c*